MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2409/2002

***GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Adrian Mifsud, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Adrian Mifsud***

***vs***

***James Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm532.42c) rappresentanti danni kkagjonati f'incident awtomobilistiku tal-14 ta' Settembru 2001, gewwa Valley Road, Msida, bejn il-vettura bin-numru JAD 646 misjuqa mill-konvenut u l-vettura AAB 489 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-attur

Adrian Mifsud, liema vettura kienet assikurata taht polza *“comprehensive”* mas-socjeta’ attrici, li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. L-ammont mitlub jinkludi Lm100 pagament *“excess”* imhallsa mill-attur Adrian Mifsud, kif ukoll tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c) bhala *“loss of use”*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz  kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Katya Azzopardi ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine et., li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti permezz ta’ nota datata 2 ta’ Dicembru 2002, li permezz taghha gew esibiti sett ta’ disa’ ricevuti rigwardanti d-danni mitluba mmarkati bhala Dokumenti GM1 sa GM9, kif ukoll is-*survey report* immarkat bhala Dokument GM10.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin  lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm532.42c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------